# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.7

## Kap 2.7: Ejja nsiru aħjar

## Lezzjoni 2.7: Alla Għandu Pjan Għalik!

**L-għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jirrevedu s-silta Luqa 2, 40.
2. Jiddiskutu kif jistgħu, bħal Ġesù, jikbru fl-għerf.
3. Jifhmu kemm Ġesù kien iħobb jitgħallem.
4. Jifhmu bil-kuraġġ u l-qawwa li kellhom il-qaddisin biex baqgħu mixjin.
5. Isiru midħla tal-ħajja ta' San Ġużepp ta' Kopertino.
6. Jitgħallmu u janalizzaw il-ħajja ta' San Ġużepp ta' Kopertino.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Storja reali - Ġuzeppi Minn Kopertinu
- 2.7 worksheet



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Irrevedi l-fatt li Ġesù kien jikber fl-għerf.
- Spjega: Wara li rajna kif Ġesù kien iqatta' l-ewwel snin ta' ħajtu u tkellimna dwar il-kultura tiegħu, se naraw esperjenza ta' tifel li ma kienx bravu fl-iskola imma xorta rnexxielu jwettaq il-ħolma ta' ħajtu.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Aqra l-Istorja ta' San Ġuzepp Ta' Kopertinu.
2. Staqsi lit-tfal x'laqathom f'din l-istorja.
3. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.7 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jirrevedu l-istorja ta' San Ġużepp ta' Kopertino u jiddiskutu flimkien Attività 1. Wara jkun hemm ħin biex huma jimlew il-vojt fil-kaxex.
4. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti l-aġġettivi li t-tfal jistgħu jagħtu lil Ġesù u lill-għorrief.
5. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar l-ħtieġa li ma naqtgħux qalbna imma li bil-għajnuna ta' dawk ta' madwarna nibqgħu mexjin.
6. Agħlaq bit-talb tagħhom stess. Inkoraġġi lit-tfal biex jaqsmu ma' xulxin it-talba li jkunu kitbu huma stess.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġużeppi kien minn Kupertinu, ġewwa Napli l-Italja.

2. Ħafna drabi, kull ħaġa li kien jagħmel kien jagħmilha ħażin u ma seta' jsib xejn tajjeb fih innifsu. Ġużeppi kien ċert li twieled bla talenti.

3. Meta kiber Ġużeppi pprova jitħarreġ fis-sengħa li jagħmel iż-żraben. Iżda ma rnexxilux. Tħajjar jidħol saċerdot imma m'aċċetawhx.

4. Fl-aħħar ordni ta' patrijiet aċċettatu fil-kunvent tagħha b'xogħol iebes maż-żwiemel. Kien hawnhekk li Ġużeppi ddeċieda li jinbidel.



5. Kellu ħolma waħda, li jsir saċerdot. Talab ħafna u għamel ħafna sagrifiċċji

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal jibdew/ikomplu jaraw l-eżamijiet bħala mod kif jikbru fl-għerf bħal Ġesù u San Ġużepp ta' Kopertino.
2. It-tfal jaħdmu kemm jifilħu għall-eżamijiet. Juru kuraġġ u jippruvaw ma jaqtgħux qalbhom.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



**Nitolbu**



Mulej  ibgħat l-Ispirtu tiegħek fuqi biex bħalma

mela l-Appostli bil-kuraġġ dakinhar tal-Pentekoste

jimla lili wkoll waqt l-istudju u l-eżamijiet ħalli niftakar

dak kollu li nkun studjajt.